ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u t-Tagħlim Elettroniku
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Sekondarji – 2013**

Il-
5 -

# IT-TIENI SENA Il-Malti (Il-Fehim mis-Smigħ) Il-ĦIN: 15-il minuta

## Il-Karta tal-Għalliema

**Gwida għat-Tmexxija tal-Eżami tal-Fehim mis-Smigħ**

Jitqassmu l-karti bil-mistoqsijiet u l-istudenti jiktbu isimhom, kunjomhom u l-klassi.
Kull taqsima għandha 5 marki.

**L-Istruzzjonijiet:**

| | |
|---|---|
| L-Ewwel Silta | |
| 1 | L-istudenti jintalbu jiftħu l-karta.<br><br>L-għalliema jaqraw l-ewwel silta u l-istudenti jisimgħu b'attenzjoni u ma jiktbu xejn waqt il-qari. |
| 2 | Waqt li l-għalliema jaqraw għal darba l-eżerċizzji tal-ewwel silta, l-istudenti jistgħu jaħdmu t-tweġibiet. |
| 3 | L-għalliema jaqraw s-silta għat-tieni darba.<br><br>L-għalliema jerġgħu jaqraw l-eżerċizzji u jagħtu ċans lill-istudenti jaħdmu t-tweġibiet kollha. |
| It-Tieni Silta | |
| 4 | L-għalliema jaqraw it-tieni silta u l-istudenti jisimgħu b'attenzjoni u ma jiktbu xejn waqt il-qari. |
| 5 | Waqt li l-għalliema jaqraw għal darba l-eżerċizzji tat-tieni silta, l-istudenti jistgħu jaħdmu t-tweġibiet. |
| 6 | L-għalliema jaqraw s-silta għat-tieni darba.<br><br>L-għalliema jerġgħu jaqraw l-eżerċizzji u jagħtu ċans lill-istudenti jaħdmu t-tweġibiet kollha. |



StudentBounty.com
www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**L-Ewwel Silta:** **L-Isport**

L-isport huwa wieħed mill-aktar passatempi segwiti fid-dinja. Dan għaliex tista' tieħu sehem fi kuljum jew kull ġimgħa jew tarah fuq it-televiżjoni s-sena kollha.

L-isport fih ħafna vantaġġi għall-ġisem u għall-moħħ. Huwa importanti ħafna li nieħdu ħsieb saħħitna mhux biss biex ikollna figura pulita, iżda wkoll biex nevitaw il-mard u ntawlu ħajjitna. L-isport jgħinna wkoll inserrħu rasna mill-inkwiet u l-problemi tal-ħajja ta' kuljum.

L-isport jgħinna naħdmu mal-oħrajn għax importanti li naħdmu flimkien biex ikollna suċċess. L-isport jgħinna wkoll nitbiegħdu mill-vizzji koroh tad-droga, tal-alkoħol u tat-tipjip.

L-aħjar nibdew l-isport minn meta nkunu żgħar ħalli meta nikbru nibqgħu nipprattikawh u nibqgħu b'saħħitna.

**Taħriġ A.**

**Imla l-vojt skont dak li smajt fis-silta.** **(5 marki)**

1. L-isport huwa wieħed mill-aktar______________________________ favoriti fid-dinja.

2. Bl-isport nilqgħu kontra l- ______________________________ u ntawlu l-ħajja.

3. Importanti li naħdmu ______________________________ biex ikollna suċċess.

4. Dan l-isport ______________________________ mill-vizzji tad-droga, tal-alkoħol u tat-tipjip.

5. L-aħjar nibdew l-isport minn meta nkunu ________________________________ .

.



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**It-Tieni Silta:** **Qalb Tajba**

Fil-klassi mhux kulħadd intelliġenti ndaqs. Doreen inzertat ħdejn Tiffany li ma kinitx intelliġenti daqsha. Iżda Tiffany kellha qalbha tad-deheb.

Doreen kienet tifla mkabbra minħabba li kienet brava u għalhekk fil-brejk ħadd ma ried jilgħab jew joqgħod magħha. Bdiet tinkwieta ħafna. Tiffany ippruvat bil-ħlewwa kollha tgħinha iżda Doreen ma riditx l-għajnuna tagħha u ġġieldet magħha. Tiffany xorta baqgħet taqbeż u tgħin lil Doreen anke jekk sħabha tal-klassi bdew jeħduha kontriha. Dan wassal lil Doreen biex taħsibha darbtejn fuq il-kliem ta' Tiffany.

L-attitudini pożittiva ta' Tiffany ġagħlet lil Doreen titlob skuża lill-ħabiba tagħha. Doreen inbidlet, ma baqgħetx imneħirha mxammar u bdiet tgħin ħafna lil sħabha tal-klassi fix-xogħol tal-iskola.

**Taħriġ B.**

**Immarka ✓ taħt Veru jew Falz.** **(5 marki)**

| | VERU | FALZ |
|---|---|---|
| 1. Tiffany ma kinitx tħobb tgħin lil sħabha. | | |
| 2. Kulħadd kien jieħu gost jilgħab ma' Doreen. | | |
| 3. Tiffany baqgħet ħabiba ta' Doreen anke meta ħbiebha ħaduha kontriha. | | |
| 4. Doreen aċċettat il-ħbiberija ta' Tiffany mill-ewwel. | | |
| 5. Doreen indunat li Tiffany kellha raġun u biddlet il-mod kif iġġib ruħha. | | |

**Tmiem il-karta**



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u t-Tagħlim Elettroniku
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Sekondarji – 2013**

Il-... 5 - ...

| It-TIENI SENA | Il-FEHIM MIS-SMIGĦ | Il-ĦIN: 15-il minuta |
|---|---|---|

**L-Isem u l-Kunjom:**__________________________ **Il-Klassi:**_________________

**Il-Marka**

## Il-Karta tal-Istudenti

**Taħriġ A. Imla l-vojt skont dak li smajt fis-silta.** **(5 marki)**

1. L-isport huwa wieħed mill-aktar______________________________ favoriti fid-dinja.

2. Bl-isport nilqgħu kontra l- ______________________________ u ntawlu l-ħajja.

3. Importanti li naħdmu ______________________________ biex ikollna suċċess.

4. Dan il-passatemp ______________________________ mill-vizzji tad-droga, tal-alkoħol u tat-tipjip.

5. L-aħjar nibdew l-isport minn meta nkunu __________________________________ .

**Taħriġ B. Immarka ✓ taħt Veru jew Falz.** **(5 marki)**

| | **VERU** | **FALZ** |
|---|---|---|
| 1. Tiffany ma kinitx tħobb tgħin lil sħabha. | | |
| 2. Kulħadd kien jieħu gost jilgħab ma' Doreen. | | |
| 3. Tiffany baqgħet ħabiba ta' Doreen, anke meta ħbiebha ħaduha kontriha. | | |
| 4. Doreen aċċettat il-ħbiberija ta' Tiffany mill-ewwel. | | |
| 5. Doreen indunat li Tiffany kellha raġun u biddlet il-mod kif iġġib ruħha. | | |

**Tmiem il-karta**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u t-Tagħlim Elettroniku
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Sekondarji 2013**

5 -

| IT-TIENI SENA | IL-MALTI (Il-Qari u l-Kitba) | IL-ĦIN: SAGĦTEJN |
|---|---|---|

**L-isem u l-kunjom: ______________________________ Il-klassi: ____________**

**Għall-istudent/a:**

1. **Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitlub/a.**
2. **L-ortografija, il-punteġġjatura, is-sintassi, l-ideat u l-preżentazzjoni jgħinuk tikseb riżultati aħjar.**

**Għall-għalliema:**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Il-MARKI** | **It-Taħdit** | **10** | |
| | **Is-Smigħ** | **10** | |
| | **Il-Qari u l-Kitba** | **80** | |
| | **IT-TOTAL** | **100** | |

**Kummenti**

________________________________________

________________________________________

________________________________________



StudentBounty.com
www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

## Taqsima A IS-SILTA TAL-FEHIM MILL-QARI

**Aqra sewwa din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha.**

### L-istorja tal-kelb Hachiko

Darba waħda l-Professur Eisaburo Ueno wasal lura fl-istazzjon tal-ferrovija Shibuya f'Tokyo u lemaħ ġeru mitluf. Kien tassew gustuż. Il-Professur beda jipprova jsib lil sidu iżda l-istazzjon malajr **tbattal** u fih baqgħu biss hu u l-kelb ċkejken. **(par. 1)**




Il-Professur ma felaħx iħalli dan il-ġeru waħdu f'dak il-ksieħ u d-dlam. Għalhekk qabad u ħadu miegħu d-dar. Għadda ż-żmien u Hachiko, għax hekk semmieh il-Professur, beda jikber. Bejn il-Professur u Hachiko **nibtet** ħbiberija kbira. **(par. 2)**

Ta' kuljum, fil-ħin li sidu jasal lura mix-xogħol, Hachiko kien imur fl-istazzjon tal-ferrovija u joqgħod bilqiegħda fl-istess post jistennieh ġej. Kemm kienu jifirħu b'xulxin! Kulħadd kien jammirahom għax kellhom ħbiberija speċjali. Darba l-Professur ma niżilx mill-ferrovija u Hachiko xorta waħda baqa' jistennieh. **(par. 3)**

Wara l-mewt tal-Professur, Hachiko ttieħed għand familja oħra iżda **ma kienx għal qalbu**. Ta' kuljum Hachiko baqa' jmur jistenna lil sidu ġej lura mix-xogħol fl-istess ħin u fl-istess post. **(par. 4)**

Is-sidien tal-ħwienet kienu jitħassruh dejjem jistenna għalxejn. Min seta' **jfiehmu** lil dan il-kelb li sidu miet? Hachiko għamel aktar minn disa' snin jistenna 'l sidu ġej lura mix-xogħol. **(par. 5)**

Kien f'dan l-istazzjon li l-Professur u l-kelb tiegħu Hachiko ltaqgħu u kien f'dan l-istazzjon ukoll li Hachiko miet, waqt li kien qed jistenna lil sidu ġej lura mix-xogħol. **(par. 6)**



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**Taqsima A. Il-Fehim mill-Qari** ka)

**Wieġeb il-mistoqsijiet skont is-silta li qrajt.**

**1.** Agħżel it-tweġiba t-tajba billi timmarka ✓ fil-kaxxa x-xierqa:

| | | | |
|---|---|---|---|
| **a.** | Malli l-Professur wasal fl-istazzjon lemaħ | | ġeru tassew gustuż u lil sidu. |
| | | | ġeru mitluf tassew gustuż. |
| | | | ġeru mitluf tassew ikrah. |
| | | | ġeru tassew gustuż u tifel ċkejken. |
| **b.** | Bejn Hachiko u sidu nibtet | | ħbiberija kbira. |
| | | | antipatija kbira. |
| | | | stmerrija kbira. |
| | | | ċajta kbira. |
| **ċ.** | Hachiko kien jistenna lil sidu | | wara l-bieb tad-dar. |
| | | | ġo kaxxa ħdejn l-istazzjon. |
| | | | daqqa fid-dar u daqqa fl-istazzjon. |
| | | | bilqiegħda fl-istazzjon. |
| **d.** | Wara li l-Professur miet, Hachiko | | daħal bejn il-basla u qoxritha. |
| | | | għamel f'qalbu. |
| | | | għamel bħal Pilatu fil-kredu. |
| | | | spiċċa bla għaxja ta' lejla. |

**(marka l-waħda)**

**2.** Kemm dam il-kelb jistenna għalxejn lil sidu?

_______________________________________________ **(marka)**

**3.** Imla l-vojt b'**kelma waħda** f'kull linja, skont is-sens tas-silta:

Meta miet il-Professur, lil Hachiko addottatu ______________ oħra. Is-sidien tal-ħwienet kienu ______________ lill-kelb jistenna. Hachiko ________________ fl-istazzjon, fl-istess post fejn kienu ____________ hu u l-Professur. **(marka l-waħda)**

**4.** "Kien għalhekk li **ddeċieda** li jieħdu miegħu d-dar."**(par. 2)**

Il-kelma **ddeċieda** qiegħda tirreferi għall- :

☐ **a.** kelb ☐ **b.** Professur ☐ **ċ.** familja **(marka)**

**5.** Agħti **kelma waħda** li tagħmel sens skont is-silta flok il-kliem li ġej:

**a.** "tbattal" **(par.1)** ____________________ **ċ.** "jfiehmu" **(par. 5)** ____________________

**b.** "nibtet" **(par. 2)** ____________________ **(marka l-waħda)**



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**6.** Fisser l-espressjoni li għandha linja taħtha: "Hachiko ttieħed għand familja oħra iżda **m[illegible]l** **qalbu**." **(par. 4)**

_______________________________________________________________ **(m[illegible]**

| Taqsima B. Il-Grammatika | (10 marki) |
|---|---|

| | | |
|---|---|---|
| **1.** | Aqta' linja taħt **in-nom imnissel** mill-verb **''dalam''**. | Il-Professur ra l-ġeru waħdu fid-dlam u l-ksieħ. |
| **2.** | Imla l-vojt bil-**plural miksur** ta' **''kelb''**. | Fost il- ____________ kollha, il-Professur rabat qalbu ma' Hachiko. |
| **3.** | Imla l-vojt bis-**singular** tal-kelma **''snin''**. | Fid-disa' ____________ mill-mewt tal-Professur, il-kelb miet ukoll. |
| **4.** | Aqta' sing taħt **il-plural sħiħ** tal-kelma **''kaxxa''**. | Il-Professur mar jara xi **(kaxex, kaxxi, kaxxetta)** tal-klieb biex jixtri waħda għall-kelb. |
| **5.** | Agħti **l-istat kostrutt** tal-frażi b'linja taħtha: | Il-kelb lagħaq **l-id tal-Professur.**<br>Il-kelb lagħaq __________________________ . |
| **6.** | Ikteb **pronom personali** minflok **in-nom** b'sing taħtu: | **Il-Professur** tħassar lill-kelb.<br>________________ tħassar lill-kelb. |
| **7.** | Aqleb fil-**femminil.** | Il-kelb ferfer denbu.<br>Il-_____________ ferfret denbha. |
| **8.** | a. Aqta' sing taħt il-**verb** tas- sentenza.<br>b. Ikteb il-**mamma** tal-verb**.**<br>ċ. Agħti **l-għerq** tal-istes verb. | a. Il-Professur u l-kelb ferħu b'xulxin.<br>b. Il-mamma: _____________<br>ċ. L-għerq: _____________ |



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**Taqsima Ċ. Il-Letteratura** **ka)**

**Ċ i. Il-Poeżija** – *Nadriet 2 ta' Tarċisju Zarb* **(15-il ma**

**1.** Din hija strofa mill-poeżija **Ballata** ta' **Rużar Briffa**



**Pawla, Pawla, xi sbuħija**
**Saħħret wiċċek u mixjitek?**
**Kont il-għaxqa minn ta' niesek**
**Kemm malajr il-mewt ħatfitek!**

**a.** Din il-poeżija tissejjaħ ballata għax

❑ hija deskrizzjoni ta' knisja mwarrba fil-kampanja.

❑ hija poeżija ta' mħabba bi tmiem qares.

❑ hija storja ta' tieġ bejn mara Maltija u raġel barrani.

**b.** L-istrofi li juża l-poeta tul il-poeżija huma ❑ ħielsa ❑ terzini ❑ kwartini

**ċ.** Iż-żewġ maħbubin kienu jiltaqgħu ħdejn ❑ knisja ❑ il-baħar ❑ masġar

**d.** Il-maħbub ta' Pawla kien ❑ raġel Malti ❑ kavallier Franċiż ❑ suldat Ingliż

**e.** Iż-żewġ maħbubin qatilhom ❑ missier Pawla ❑ ħabib ta' Pawla ❑ suldat

**f.** Ikteb żewġ kelmiet li jirrimaw mis-silta. ______________________ - ______________________

**(6 marki)**

**2.** Immarka t-tajba billi tagħmel sinjal ✓ fil-kaxxa t-tajba:

**a.** Fl-aħħar tal-poeżija *Ġejja x-Xita* Mary Meilak tistieden lill-Maltin:

❑ jidħlu 'l ġewwa biex ma jixxarrbux.

❑ inaddfu l-bjut u jiftħu l-bjar.

❑ idaħħlu l-annimali tagħhom fl-irziezet.

**b.** Fil-poeżija *Il-Barri* ta' Ġorġ Pisani, il-barri rifsu:

❑ barri ieħor ❑ biċċier xiħ ❑ żiemel



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**ċ.** Fil-poeżija *Il-Tokki tal-Paternoster* ta' Achille Mizzi, it-tokki jkeċċu:

❑ l-għasafar ❑ d-dlam ❑ l-għefieret

**d.** F'*Gelmus* Ġorġ Żammit jitkellem dwar:

❑ għolja Għawdxija ❑ pjazza Għawdxija ❑ raħal Għawdxi

**(4 marki)**

**3.** Agħżel poeżija **WAĦDA** mil-lista t'hawn taħt u **f'5 sentenzi** ikteb x'laqtek fiha u għaliex.

*Fil-Menqa* – Ġorġ Peresso, *Lejl tat-Tfulija* – Ġorġ Borg, *Settembru* – Wallace Ph. Gulia,
*Il-Ħajt tas-Sejjieħ* – Rena Balzan, *Sjesta Maltija* – Kilin, *Univers Ieħor* – Dun Karm,
*Ġunju* – Dun Karm, *Marsaxlokk* – Charles Flores

Isem il-poeżija ________________________________________

Isem il-poeta ________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

**(5 marki)**



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**Ċ (ii.) Il-Proża –** *Fuklar Qadim u Bnadar Imċarrta ta' Trevor Zahra* **ka)**

**1.** Immarka ✓ taħt **VERU** jew **FALZ.** **(**

| | VERU | FAL |
|---|---|---|
| a. Toni kien dilettant tal-bnadar. | | |
| b. Is-salott tad-dar taz-zijiet kien mimli għajnejn ta' nies impittra fuq il-ħitan. | | |
| ċ. Waħda mill-bnadar wara l-fuklar kienet tal-Italja. | | |
| d. It-tifel ta' fuq il-bejt kien jismu Salvu. | | |
| e. Id-dar taz-zijiet fil-Belt għadha teżisti sal-lum. | | |

**2.** Imla l-vojt bil-kelmiet li jinsabu fil-kaxxa (xi kelmiet ma jintużawx). **(7 marki)**

**l-Belt – Ġemma – Antida – ż-Żejtun – Ġolina – iljuni – Tittu – iz-zijiet – Wistina – in-nanniet**




Il-fuklar kien jinsab fil-kamra taz-zija ___________________. Kien qisu faċċata ta' palazz u mal-ġnub tiegħu kellu żewġ ___________________. Meta Toni daħħal idu f'ħalqhom, il-fuklar infetaħ u dehret bħal fetħa kbira mudlama. Toni ddeċieda li jistaqsi lin-nanna ___________________ dwar din il-biċċa misterjuża. Xi jumejn wara li daħal fil-fuklar kienu ġew ___________________ ta' Toni min-naħa ta' missieru. Dawn kienu joqogħdu___________________. In-nannu kien jismu ___________________ filwaqt li n-nanna, mara ħoxna li qatt ma tieqaf titkellem, kien jisimha ___________________.

**3.** Semmi ġrajja li għadda minnha Toni u għid għaliex għoġbitek.

___________________________________________________________________________

___________________________________________________________________________

___________________________________________________________________________

___________________________________________________________________________**(3 marki)**



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**Taqsima D. Il-Kitba** **(…ka)**

**D i. Il-Kitba Funzjonali** **(6…)**

**Il-Kitba ta' Istruzzjonijiet**



Kompli dawn l-**istruzzjonijiet** dwar kif tgħallem lil xi ħadd iżgħar minnek jaqsam it-triq sewwa bla periklu.

Agħżel il-kelma t-tajba mill-kliem fil-kaxxa. Hemm **kelma żejda** li ma tridx tintuża. L-ewwel waħda hija lesta.

| bl-addoċċ - taqsam - tistenna - issuq - ~~bankina~~ - tħares - tgħaġġel - ix-xellug |
|---|

**1.** Imxi dejjem fuq <u>il-bankina</u> sakemm tasal fuq l-istrixxi bojod u suwed.

**2.** Kif ikollok bżonn taqsam, ieqaf u taqbadx u taqsam _________________.

**3.** L-ewwel għandek __________________ sewwa madwarek.

**4**. Ħares lejn il-lemin kif ukoll lejn __________________.

**5.** Jekk tara li ma jkunux ġejjin karozzi, tkun tista' __________________.

**6.** Qis li _________________ imma ibqa' ħares madwarek sakemm tasal in-naħa l-oħra.

**7.** Aħjar _________________ ftit u ma tweġġax milli tgħaġġel u tweġġa'.



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**D ii. Il-Komponiment** **ka)**

Agħżel **WIEĦED** mit-titli u ikteb madwar **150 kelma** fuqu fil-linji pprovduti. Tista' tuża l-g ipprovduti biex tfassal il-komponiment tiegħek.

1. **L-aktar persuna importanti f'ħajti.**
   *Min hija din il-persuna? X'tiġi minnek? X'karattru għandha? Semmi xi esperjenza sabiħa li kellek ma' din il-persuna u li ser tibqa' tiftakarha għal ħajtek kollha.*



2. **Kont sejjer/sejra lura d-dar wara l-iskola meta rajt żewġ karozzi jiġru wara xulxin. Waħda minnhom kienet tal-pulizija. Kompli din l-istorja.**
   *Ma' min kont? X'rajt u xi smajt speċjali? X'taħseb li ġara qabel? Kif spiċċat din il-ġrajja?*

3. **It-triq tiegħi. X'jogħġobni u ma jogħġobnix fiha.**
   *Ikteb fuq it-triq tiegħek u semmi x'jogħġbok u x'ma jogħġbokx fiha. Tista' tikteb dwar it-traffiku, in-nies, l-ambjent, l-indafa, l-istorbju, u l-bqija.*

**Spazju biex tagħmel il-pjan tal-kitba tiegħek. (Ma jingħatawx marki għall-pjan.)**



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

**Komponiment numru __________( Agħżel 1, 2, jew 3)**

**Tmiem il-karta**



StudentBounty.com
www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers